



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13813/19

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0324 (NLE)

AVIATION 214
RELEX 1004

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Novembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 569 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 569 final.

Mehmuż: COM(2019) 569 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2019
COM(2019) 569 final

2012/0324 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni
Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-
naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, ġie nnegożjat mill-Kummissjoni, kif awtorizzat mill-Kunsill f'April 2008.

Dan il-Ftehim ġie ffirmat fl-10 ta' Ġunju 2013, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill¹. Min-naħa tal-UE, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma partijiet f'dan il-Ftehim.

Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011, u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fid-19 ta' Frar 2015².

Bl-għan partikolari li jitqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, din il-proposta timmodifika l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni (f'COM(2012)689 final³), li ġiet adottata fit-22 ta' Novembru 2012 u sussegwentement tressqet quddiem il-Kunsill. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-Kunsill, it-test rilevanti kollu qiegħed jiġi ppreżentat bħala proposta emendata.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra (ĠU L 208, 2.8.2013, p. 1–2)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/372 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 64, 7.3.2015, p. 1-5).

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52012PC0689>

5. ELEMENTI OĦRA

- **Sommarju tal-ftehim propost**

Il-Ftehim jikkonsisti mit-test ewlieni, li jinkludi l-prinċipji fundamentali, u sitt Annessi, li huma: l-Anness I dwar is-servizzi miftiehma u r-rotot speċifikati; l-Anness II dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali; l-Anness III li fih lista tal-Istati msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 8 tal-Ftehim u fl-Anness I; l-Anness IV dwar ir-regoli relatati mal-avjazzjoni ċivili; l-Anness V dwar il-frekwenzi ta' bażi li ntlaħaq qbil dwarhom fuq ċerti rotot; l-Anness VI dwar rekwiżiti u standards regolatorji.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-10 ta' Ġunju 2013, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill⁵,
- (2) Il-Ftehim ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011, u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fid-19 ta' Frar 2015⁶.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni li t-territorji li ġew f'idejn l-amministrazzjoni ta' Iżrael f'Ġunju 1967 mhumie x parti mit-territorju tal-Istat ta' Iżrael.
- (5) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappreżentazzjoni fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stipulati fil-Ftehim. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet titwaqqaf. Wara li ġew ikkunsidrati t-Trattati, mhumie x meħtieġa dispożizzjonijiet

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Id-Deċiżjoni 2013/398/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra (ĠU L 208, 2.8.2013, p. 1–2)

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/372 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 64, 7.3.2015, p. 1-5).

ġodda dwar dawk il-kwistjonijiet, u lanqas ma huma meħtieġa dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-informazzjoni tal-Istati Membri, li tinsab fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni⁷.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar is-sempliċi inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Anness IV (ir-Regoli relatati mal-avjazzjoni ċivili) tal-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 3

L-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2013/398/UE għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

⁷ Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 208, 2.8.2013, p. 3 flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.